MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2003

Numru 683/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Frans Micallef)**

**vs**

**Nicholas Decarlo ta' 26 sena, iben Victor u Frances nee Muscat, mwieled Pieta' fil-5 ta April, 1977 u li joqghod 8, Gafar Street, Sliema detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 215077 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Nicholas Decarlo li gie akkuzat talli f'Tas-Sliema nhar it-12 ta' Awissu, 2003 ghall-habta tal-4.30 p.m. ikkommetta serq liema serq

jammonta ghal aktar minn Lm 50 izda anqas minn Lm 1000.

Talli wkoll fl-istess data, hin, cirkostanzi f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat u li zamm ferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti spjegat is-sinifikat ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Semghet id-dikjarazzjoni ta' l-Ufficjal Prosekutur li ddikjara li r-res furtiva giet ritornata lilu u li l-akkuzat ikkollabora mieghu fl-investigazzjoni.

Rat l-Art 261, 334, 17, 284, 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tieghu li hi kompletament netta.

Wara li rat l-Art 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u nofs mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------